# IN-NIĊĊA TAN-NATIVITÀ TAL-MADONNA U OĦRAJN ŻGĦAR IDDEDIKATI LILL-MADONNA

F'dan ir-raba' artiklu minn din is-sensiela ser nagħtu ħarsa lejn l-aħħar ġabra ta' niċeċ iddedikati lill-Madonna. Dawn huma kollha niċeċ minquxa fil-ġebel, ħlief għal waħda li tinsab f'ambjent naturali ta' għar imħaffer fil-blat. Ħarsa mill-qrib lejn dawn in-niċeċ turina kemm dawn fihom xogħol ta' arti li tkompli ssebbaħ it-toroq tal-belt tagħna. In-niċeċ huma xhieda tal-kapaċità ta' bosta artisti Maltin li ħafna minnhom jibqgħu b'isimhom mistur. Minbarra l-aspett artistiku, in-niċeċ juru d-devozzjoni ta' l-artist, u ta' dawk li taw sehemhom, lejn il-Madonna. Il-kwadranti ta' dawn in-niċeċ bosta drabi jkunu bordura elaborata fil-ġebel li jżidu s-sbuħija artistika tagħhom.


*In-niċċa tan-Nativtà tal-Madonna fuq ġewwa tal-bieb l-antik ta' l-Isla.*

F'parroċċa ddedikata lit-Twelid ta' l-Omm t'Alla, Marija Santissima, ma jistax jonqos li ma jkunx hemm niċċa ddedikata lill-Madonna taħt dan it-titlu. Din in-niċċa tinsab f'gallerija fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieb l-antik ta' l-Isla mibni mill-Gran Mastru Perellos (1697-1720). L-oriġini ta' din in-niċċa, magħmula minn altar ċkejken u kwadru mdaqqas ta' Sant' Anna bil-Bambina f'ħoġorha, huwa mitluf fiż-żmien. Bla ebda dubju, kull min jgħaddi minn dan il-bieb, jiftakar li għandu omm spiritwali li tinsab dejjem miegħu u jressaq talb lil Alla bl-interċessjoni tagħha. Sa ftit tas-snin ilu, din in-niċċa kellha min jieħu ħsiebha u kienet anke tinxtegħel u tiżżejjen. Hija tassew ħasra li fil-preżent din in-niċċa tinsab fi stat mhux daqstant pjaċevoli. Lejn Ġunju tas-sena 2001, fit-taraġ imħaffer fil-mina li jagħti għal din in-nicca instabet plakka imdaqqsa, f'forma ovali, u fuqha hemm miktubin dawn il-kelmiet: *L'Eccelle.Mo Rmo. Mons. Or Fra Ferdinandu Mattei Arc. Vescovo di Rodi e Vescovo di Malta concede 40 giorni d'indulgenza a chiunque reciterà un' Ave Maria avanti questa immagine della nattivita di Maria SSMa sotto il 10 novembre 1810.* Bla ebda dubju, din il-kitba hija xhieda ċara ta' l-antikità ta' din in-niċċa fid-daħla ta' l-Isla.

Mal-ħajt ta' dar nru. 116, Triq il-Ponta, wieħed isib niċċa minquxa fil-gebel. L-



*Niċċa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fi Triq il-Ponta.*

isbaħ xhieda ta' kemm hija qadima din in-niċċa hu l-istil tagħha mdawra bi gwarniċa tal-lavur nofs tond li ddur max-xifer kollu tagħha. Din il-gwarniċa hija akkumpanjata minn lavur kwadru li n-naħa ta' fuq iservi bħala bażi ta' ċinta ffurmata minn disinn tal-lavur dritt. Din in-niċċa tistrieħ fuq bażi maħruġa mill-ħajt. Il-ħofra tan-niċċa hija ffurmata għat-tond kemm fil-ġnub kif ukoll minn fuq. Fin-niċċa mbagħad naraw l-istatwa tal-ġebel ta' Marija Immakulata, li flimkien ma' l-istil tan-niċċa, tixhed għall-antikita tagħha. Sa ftit tas-snin ilu, taħt din in-niċċa imma f'livell baxx ħafna tat-triq, kien hemm irħama b'kitba li tfakkar li fl-1786 l-Isqof Vincenzo Labini kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiem din ix-xbiha. Taħt din l-irħama kien hemm kaxxa tal-ħadid ingastat fil-ħajt li fiha kienu jintefgħu xi għotjiet ta' flus mid-devoti.



*In-niċċa fi Triq is-Serena*

Niċċa oħra mħaffra fil-ħajt tinsab fil-għoli ħafna mal-faċċata ta' dar numru 57, Triq is-Sirena. Jeżisti xebħ kważi perfett bejn din in-niċċa u dik ta' l-Immakulata Kunżizzjoni deskritta hawn fuq. In-nicca fi Triq is-Sirena hija wkoll ddedikata lill-Madonna, iżda din id-darba taħt it-titlu tal-Midalja Mirakoluża. Fil-fatt, fin-niċċa naraw statwa tal-Madonna minquxa fil-ġebel. Lill-Madonna narawha b'idejha t-tnejn miftuħin u b'ħarsitha l-isfel bħal donnha lesta biex tilqa' lil dawk kollha li jersqu lejha. Din hija l-unika niċċa fl-Isla ddedikata lill-Madonna taħt dan it-titlu.

Niċċa mħaffra fil-ħajt ddedikata lill-Madonna tinsab ma' dar nru. 52 / 53, Triq San Ġużepp. Din in-niċċa qed tistrieħ fuq bażi ħierġa mill-ħajt u li hija mżejna minn diversi weraq skolpiti fil-ġebla. Mall-ġnub tan-niċċa naraw żewġ pilastri dekorati b'rużuni bil-ward li jibqgħu telgħin



*Niċċa lill-Madonna ta' Lourdes fi Triq San Ġużepp.*




**Il-Grotta tal-Madonna ta' Lourdes fil-Għar ta' Mikelin.**

sal-parti ta' fuq tan-niċċa. Din il-parti ta' fuq hija dekorata b'disinn skolpit u b'salib żgħir fin-nofs bħala fanal. Il-ħofra hija fit-tond kemm mill-ġnub kif ukoll minn fuq. Fin-niċċa mbagħad naraw l-istatwa tal-ġebel tal-Madonna ta' Lourdes. Fuq irħama n-naħa t'isfel tan-niċċa naraw minquxa il-kelmiet: *B'digriet tas-16 ta' Frar ta' l-1887 l'Ecc. u Revmu Iskof ta' Ruspa u Amm. Apcu. ta' Malta Fra A.M. Buhagiar għogbu jati 40 jum indulgenza lil cul min devotament jirrecita Ave Maria cuqqiem din l-immagni ta' M. Ssma Ta' Lourdes.*

Hekk kif wieħed jibda miexi tul ix-xatt u jibqa sejjer lejn il-ponta, f'nofs triq jiltaqa' ma' għar imdawwar bil-bozoz u magħluq b'kanċell. L-Għar ta' Mikelin, kif inhu magħruf dan il-post, li sa ftit tas-snin ilu kien mitluq u abbandunat, f'dawn l-aħħar snin ġie mnaddaf u mibdul f'għar tal-Madonna ta' Lourdes. Iżejjen lil dan l-għar u mqiegħda f'ħofra minquxa fil-blat hemm statwa tal-ġebel tal-Madonna ta' Lourdes akkumpanjata minn statwa oħra ċkejkna ta' Santa Bennardina. Dan l-għar illum sar ifakkar lil kull minn jgħaddi minn ħdejh fid-deħriet tal-Madonna li seħħew fil-belt ta' Lourdes, fi Franza, fis-sena 1858. L-inawgurazzjoni ta' dan l-għar, jew aħjar, ta' din il-grotta tal-Madonna, hija mfakkra permezz ta' plakka b'dawn il-kelmiet: *Proġett imwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-familja Mizzi - Ottubru 1998.*



**Niċċa ddedikata lill-Madonna tal-Portu Salvu**

Meta wieħed iħalli l-inħawi tal-Ponta ta' l-Isla u jibda tiela' t-taraġ lejn Triq is-Sirena, jgħaddi minn mina li tiġi faċċata tal-Forti Sant' Anġlu. Hemm wieħed isib quddiemu prospettiva kbira tal-ġebel l-għoli tal-mina. Mqiegħed fin-nofs ta' din il-prospettiva hemm inkwadru, mhux l-originali, bix-xbiha tal-Madonna magħrufa bħala "Tax-Xwieni" jew aħjar il-Madonna tal-Portu Salvu. Din il-prospettiva tieħu għamla ta' frontispizju bin-*Nome di Maria* fih. L-anzjani tagħna jiftakru fiż-żmien meta fl-ewwel Ħadd ta' Lulju, kienet issir festa lix-xbiha tal-Madonna f'din in-niċċa. Għal din il-festa, is-

setaħ li hemm fit-tarf ta' Triq is-Sirena, li jiġi biswit in-nicca, kien jintrama bil-bnadar u bid-dwal.

In-niċeċ fit-toroq tagħna iwasslulna l-istorja tat-twemmin nisrani li l-antenati tagħna wrewha b'għemil estern. Hija storja ta' ringrazzjament lil Alla għal dak li għamel magħhom. Hi storja ta' bnedmin li xtaqu jsieħbu oħrajn magħhom f'imħabbithom lejn Alla u lejn Ommu Marija. Hija storja ta' drawwiet li jkomplu juruna kemm missirijietna ħassew f'ħajjithom il-valur tat-twemmin nisrani. Dawn in-niċeċ huma bħal knejjes ċkejkna. Missirijietna qishom riedu biċċa mill-knisja ma' darhom. Huma ma ridux biss qima lejn Alla fir-rokna ta' xi dar; riduha wkoll fit-toroq sabiex titfa' xaqq ta' dawl u ta' tama fil-qalb ta' oħrajn ukoll. Lilna li qed ngħixu fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin, dawn in-niċeċ għandhom ifakkruna fl-imħabba ta' missirijietna lejn ir-reliġjon għażiża tagħna. Għandhom jgħallmuna li missirijietna, fi żminijiet ta' ħajja iebsa ħafna iżjed minn tagħna, fittxew kenn f'min jista' jgħinhom tassew.

*Fabian Mangion*

*Riferenzi:*


Terribile Tony, *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin*, PIN, Pieta, 2000, pp. 19–24
Kittieba diversi, *Niċeċ f'Għawdex: Storja - Reliġjon - Folklor*, Reliġjon u Ħajja, Storja 13, 1987



**www.senglea.net**



**www.senglea.net, hija paġna fuq l-internet b'tagħrif ġenerali u interessanti dwar l-Isla.**
**Din il-paġna tiġi aġġornata kull xahar.**

***Tajjeb li meta ċċemplu jew tiktbu lil qrabatkom imsifrin tgħidulhom biha***